MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 498/2012

**Appell Nru. 498/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Keith Arnaud)**
**Vs**
**Omissis**
**Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady**

**Illum 31 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 37249 (A)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-lejl tas-17 u 18 ta' Awwissu 2008, ikkommettew serq ta' flus u diversi oggetti ohra li l-ammont tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) minn Villa Kazara, Triq il-Virdun, Kappara, ghad-detriment ta' Maged Fawzy

Eskandar Maged mill-Kappara, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Ottubru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 261 (b), 261(c), 261 (f), 261 (e), 263, 267, 269 (g), 270, 278, 279 (b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-appellant Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady sabitu hati u kkundannatu ghall-terminu ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ erbgha u ghoxrin (24) xahar li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa dam f’arrest preventiv u dana wara li dina l-Qorti innotat li r-rifurtiva li kienet instabet fil-pussess ta’ omissis kienet ritornata lill-sidha legittima.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali:
1) Kienet preseduta minn Magistrat li ma kienx l-istess Magistrat li semgha il-provi viva voce kifinhu mehtieg mill-Artikolu 646(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Ghamlet interpretazzjoni irragonevoli u zbaljata tal-provi;
3) Il-gudikant li ta s-sentenza ma kienx l-istess gudikant li semgha lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni fil-Qorti u viva voce skond kif inhu mehtieg mill-Artikolu 646(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Jidher mill-atti tal-kawza, illi matul il-prosegwiment tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tal-

imputat inbidel il-gudikant. Jirrizulta li x-xhud ewlieni f’dan il-kaz hu l-uniku xhud li inkrimina lill-appllant, kien Oivend Xuereb, liema xhud xhed quddiem l-ewwel gudikant diversi drabi izda qatt ma xehed quddiem it-tieni gudikant li eventwalment wasal biex jippronunzja s-sentenza ta’ htija fil-konfront ta’ l-appellant.
Dan sar bi ksur tal-Artikolu 646(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jistipula illi:

*Bla hsara tad-disposizzjoijiet li gejjin ta’ dan l-artikolu, ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce.*

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija v. Joseph Bartolo, datata 9 ta’ Settembru 1999, spjegat illi:

‘Dan isir sabiex il-gudikant – f’dan il-kaz il-Magistrat li jippronunzia s-sentenza - jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x’emmen jew x’ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta’ “l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud” (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda Biex dan il-kriterju jkun jista’jigi applikat hu evidenti li l-Magistrat ghandu jisma’ b’widhejh u jara b ‘ghajnejh lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ prim istanza, jista’ joqghod fuq deposizzjoniet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta’ certfikati ta’ tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero’ **r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma’ hu ix-xhieda biex ikun verament f’posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi...** Fil-kaz in dizamina in-nuqqas tal-Magistrat li ppronunzja s-sentenza milli jisma’ l-provi viva voce jistultiflika ir-rwol ta’ din il-Qorti (cioe’ tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali) bhala Qorti ta’ revizjoni: meta f’dan il-kaz kollox jiddependi fuq kwistjoni ta’ kredibbilita’, u specjalment fuq il-kredibbilita’ tal-istess imputat, din il-Qorti ma tistax tirrevedi l-operat tal-ewwel

Qorti biex tara jekk l-apprezzament maghmul minn dik il-Qorti kienx wiehed ragjonevoli meta taf li l-gudikant fil-prim istanza qaghad biss fuq dak li kellu miktub quddiemu u li sema' haddiehor!"

Kif gie spjegat ukoll tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizja v. Helga D'Alessandro:

*"in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta 'formalita' sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel Qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita' tas-sentenza, huma sollevabbli ex officio minn din il-Qorti"*

Apparti dan in-vena guridika jinghad li s-sentenza hija ukoll nulla stante li l-appellant qatt ma gie mitlub sabiex jissana l-atti tal-kawza wara il-bidla tal-Magistrati u ghalhekk qatt ma ezenta lill-Qorti mill-bzonn li terga tisma' il-provi mill-gdid. F'dan ir-rigward l-appellant jaghmel ampja referenza fost ohrajn ghas-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'isemijiet P vs Massimo Aufieri decisa 1/7/1998, P vs Mehemed Ezawi 16/2/1956, P v Charles Ducker 19/5/1997, P v Leone Dimech 1/1/1999.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' din il-gurisprudenza is-sentenza li inghatat fil-konfront ta' l-appellant ghandha tigi iddikjarta nulla u bla effett.

<u>Il-Qorti tal-Magistrati ghamlet interpretazzioni irragonevoli u zbaljata tal-provi li tressqu quddiema.</u>

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament hazin u irragonevoli tax-xhiedha li ta' Oviend Xuereb. Illi kif gia intqal, Oivend Xuereb kien l-uniku awtur ta' din is-serqa u l-uniku xhud li implika lill-appellant f'din is-serqa. Huwa kien il-persuna li mar fuq il-post, dahal go din il-Villa u seraq l-affarijiet u

sahansitra irrecikla l-istess affaraijiet tramite t-tfajla tieghu Romina Falzon meta din maret tbiegh parti mir-res furita lill-Doriene Sammut li iggesti Mini Market b’isem Three Angles f’Bugibba. Dan ikkonfermatu wkoll Doreen Gelluma Ii wkoll nzertat presenti fil-hanut u li taf ben tajjeb lill-istess Romina Falzon.

Illi Romina Falzon kienet habiba ta certa’ Nancy Bonnici li kienet il-habiba ta’ l-imputat appellant. Nancy saret taf li Romina kienet qed tbiegh il-fwieha u gharfet b’dan l-appellant li nforma lill-Maget u wara hija hadet lill Maget id-dar ta Dorienne Sammut u zewgha Ii flimkien ma binthom ikkonfermaw Ii l-fwieha li Romina Falzon - it-tfajla ta’ Oviend Xuereb - maret biex tbelghhom kienet identika ghal dik li kienet insterqet.

Illi l-appellant kien ukoll il-persuna l-informa lill-Maget fuq il-biegh ta’ din l-istess fwieha li wasslet ukoll ghall-arrest ta’ Oivend Xuereb u s-sejba tal-fwieha u apparat ta’ hi fi u compters li kienu gew misruqa.

Illi l-imptuat Oivend Xuereb irrilaxxa diversi stqarrija liema stqarrijiet kienu konflingenti u l-Qorti wissiet u taghat kemm il-warning lill-istess Oviend Xuereb sabiex jixhed li vera. Kien hemm wkoll okkazzjoni fejn il-Qorti tablet li l-istess Oviend Xuereb jitkecca mill-awla u jintbaghat il-lookup sabiex jipprova jiftakar.

Illi mir-rapport tal-expert tal-finger prints mahtur mill-Qorrti, J. Mallia, jirrizulta li wara li huwa esplicita l-inkarigu tieghu, il-konkluzzjonijiet irrizultaw kollha fin-negattiv.

Illi wkoll mir-rapport tal-espert Martin Bajada jirrizulta Ii l-istess Oviend Xuereb xehed il-falz meta allega li huwa kien rcieva xi telefonati minghand l-appellant fil-hinijiet indikati.
Hu kategorikament jghid illi ma sar l-ebda telefonati.

Illi l-istqarrija ta’ Shady u kif wkoll ix-xhieda tieghu li bihom cahad categorikament l-involviment tieghu f’dan il-kaz u liema stqarrija u xhieda huma ukoll ikolloabborati bix-xhieda ta’ l-esoperti nominate mill-Onorabbli Qorti, dawk

ta’ Martin Bajada u J. Mallia jikkonfermaw li ma sabu li sabu ebda telefonati dakinhar tas-serqa lill-Oivend u li bix-xhieda ta’ l-espert tal-finger prints li ma nstabu l-ebda impronta digitali fuq ir-refurtiva.

Illi l-Qorti diversament preseduta wissiet kemm il-darba lill-Oviend Xuereb dwar il-fatt li kien qieghed jixhed il-falz u kien qieghed jinsulta l-inteligenza tal-Qorti u anke sahansitra kien gie mibghut fl-lock up tal-Qorti sabiex jara jekk ghandu jiprensament fuq dak li kien qieghed jghid stante li l-Qorti diversament preseduta qatt ma kienet konvinta li dan ix-xhud kien qieghed jghid il-verita;

Illi Oviend Xuereb ma hux xhud kredibbli stante li telgha jixhed diversi drabi u dejjem ta’ versjoni differenti ta kif svolgew il-fatti tal-kaz. Huwa irrillaxxa ukoll diversi stqarrijiet li huma konfligenti bejnithom. Il-fedina penali tieghu ukoll tirrifletti l-karattru refrrattarju tieghu u dan wara s-sentenza u l-ammissjoni tieghu f’dan il-kaz, huwa rega tressaq il-Qorti fuq iehor fosthom erbatax il-serqa minn kmamar ta’ lukandi gewwa Paceville, serq ta’ vettura u ohrajn.

Ikkunsidrat :

Irrizulta illi originarjament l-appellant kien tressaq il-Qorti flimkien ma Oviend Xuereb talli fil-lejl ta’ bejn 17 u t-18 ta’ Awwissu, 2008 ikkommettew serq ta’ flus u oggetti ohra fl-ammont ta’ izjed minn €2,329 minn Villa Kazzara, Triq il-Verdun Kappara ghad-detriment ta’ Magedt Fausi Escamber Magedt mill-Kappara liema serqa kienet ikkwalifikata bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok.  Xuereb ammetta l-invoviment tieghu f’din is-serqa u l-kaz tieghu gie deciz, saret is-separazzjoni tal-gudizzju u l-kaz tkompla kontra l-appellant.  B’Sentenza moghtija fit-18 ta’ Ottubru, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabitu hati u kkundannatu ghal 24 xahar prigunerija.  L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell.  L-aggravji tieghu huma principalment tnejn, wahda illi kien iprocessat minn Magistrat li ma kienx l-istess Magistrat li sema’ l-provi viva voce kif kien mehtieg mill-Artiklu 646 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u t-tieni illi l-Qorti tal-

Magistrati ghamlet interpretazzjoni irragonevoli u zbaljata tal-provi. B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant minbarra l-Artiklu fuq imsemmi kkowta favur tieghu diversi Sentenzi fosthom Il-Pulizija vs Joseph Bartolo (9 ta' Settembru, 1999 ) u Il-Pulizija vs Helga D'Alessandro (2 ta' Settembru, 1999) fejn intqal illi, *"Ir-regola hi li l-gudikant tal-prima stanza ghandu jisma hu x-xhieda biex ikun verament f'pozizzjoni li jaghti gudizzju skont il-Ligi ...."*. Din il-Qorti m'ghandix xi "issue" b'din is-sitwazzjoni u hekk ghandu jkun. Pero' sfortunatament jistaghu jinqalghu diversi cirkostanzi meta kaz ikun beda quddiem gudikant u jispicca quddiem gudikant iehor. Dan 'il ghaliex jew il-gudikant ikun gie elevat ghal xi pozizzjoni ohra, jew inkella jkun ma jiflahx, jirtira jew ghal xi raguni ohra l-kawza ma tkux tista titkompla quddiem dak il-gudikant illi jkun beda jisma x-xhieda. Ghalhekk il-kawza tigi trasferita lil gudikant iehor illi jkollu l-process quddiemu u jew jerga jisma kollox mill-gdid jew inkella jigi ezentat milli jaghmel dan mill-istess difiza u prosekuzzjoni. Pero' jista jkun hemm xenarju iehor fejn il-kawza avolja tigi trasferita jew assenjata lil gudikant iehor il-partijiet ma jaghmlu xejn, ihallu l-kawza ghaddejja ghall-xhur jekk mhux snin tinghata s-Sentenza, jsir appell u wahda mill-aggravji tkun propju dik illi l-kawza tkun giet dedciza mill-Magistarat illi ma jkunx l-istess Magistrat illi sema' l-provi u f'dak l-istadju tigi ecepita n-nullita tas-Sentenza. Dana huwa propju x-xenarju illi ghandna f'dan l-appell fejn l-appellant qieghed jecepixxi n-nullita tas-Sentenza stante illi l-istess appellant qatt ma gie mitlub sabiex jissana l-Atti tal-kawza wara l-bidla tal-Magistrati u ghalhekk qatt ma ezenta lill-Qorti mill-bzonn illi terga tisma l-provi mill-gdid.

Ikkunsidrat.

Irrizulta illi l-provi f'din il-kawza lahqu kollha ngabru mill-Magistrat originali, tant illi fl-20 ta' Ottubru, 2011 id-difiza ddikjarat illi m'ghandiex aktar provi u l-Qorti ddiferiet il-kawza ghat-23 ta' Jannar, 2012 ghat-trattazzjoni. Dakinhar dehru l-appellant u l-Ispettur Keith Arnaud u l-kawza giet diferita ghad-19 ta' April, 2012 ghall-kontinwazzjoni, f'dik id-data ghandna l-ewwel verbal fejn il-Magistrat indikat illi kienet se tigi elevata ghall-

Gudikatura u ma kienx prudenti illi jinstemghu aktar provi f'dak l-istadju u ghalhekk il-kawza giet diferita ghal 31ta' Mejju, 2012 fl-10:30. Peress illi l-kawza giet assenjata lill-Magistrat iehor l-ewwel seduta quddiem il-Magistrat il-gdid saret fis-26 ta' Gunju, 2012 fejn deher l-appellant flimkien ma l-avukat tieghu. Peress illi l-prosekuzzjoni riedet differiment il-Qorti laqghet it-talba anke peress illi kienet l-istess difiza li xtaqet tipprezenta xi rikors dwar bdil fil-hin ta' l-inkazar u l-kawza differita ghal 11 ta' Lulju, 2012. Dikinhar dehru l-appellant u l-avukat tieghu u l-kawza giet differita ghas-Sentenza ghat-18 ta' Ottubru, 2012 u propju dikinhar inghatat is-Sentenza. Minn dawn il-verbali jidher illi verament l-appellant ma giex mitlub sabiex jissana l-Atti tal-kawza wara l-bidla tal-Magistrat, pero' lanqas ma oggezjona li l-kawza titkompla quddiem il-Magistrat il-gdid u lanqas ma nsistew illi ssir xi trattazzjoni tal-kawza u hallew kollox ghaddej biex imbaghad jaghmlulek aggravju bhal dan fl-appell. Il-Qorti ma jidhriliex illi dana ghandha tippermettih.

Ikkunsidrat.

Minkejja illi mputat ma jkunx gie mitlub jissana l-Atti, jekk huwa ghal perjodu jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Magistrat il-gdid minghar reklam ikun allura qed jaghti l-fiducja tieghu f'dan il-Magistrat gdid li jkun qieghed impicitament jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-proceduri jibqghu ghaddejjin, f'dan il-kaz hekk sar. Ghal 6 xhur shah minn wara l-bidla tal-Magistrat id-difiza u l-appellant ma ghamlu xejn, izda dehru quddiem il-Qorti, hadu nota tad-diferimenti minghajr reklam. Qabel ma l-kawza giet deciza, fid-diferiment ta' qabel, dehru l-appellant u l-avukat tieghu u kienu prezenti meta l-Qorti halliet il-kawza ghas-Sentenza u ma ghamlu xejn, lanqas ma talbu illi ssir t-trattazzjoni tal-kawza. Jekk dana kien xi nuqqas taghhom u wara kellhom xi ripensament, zgur illi m'ghandhom jikrejaw l-ebda vantagg minn dan in-nuqqas. L-appellant kellu z-zmien kollu sabiex jirrikorri ghall-Qorti, jitlob illi ssir ri-trattazzjoni jew inkella ghad-direttura illi jitlob lill-Qorti illi tisma l-provi kollha ga mismugha quddiemha, izda ma ghamel xejn minn dan u halla kollox ghaddej. Din il-Qorti jidhrilha illi ma jistax issa f'dan l-

istadju jecepixxi n-nullita tas-Sentenza peress illi kien hu stess illi halla l-kawza tasal ghas-Sentenza minghajr ma ghamel l-icken osserevazzjoni lill-Magistrat illi kien sejjer jiddecidiha. Ma kienx hemm sorprizi bil-mod kif mexa t-tieni Magistrat, l-appellant kellu l-opportunita illi jqajjem kull osservazzjoni li jrid u kien jaf illi l-kawza kienet ser tithalla ghas-Sentenza peress illi kien prezenti meta l-Qorti ddikjarat hekk. Terga u tghid, id-differiment ghas-Sentenza ma kienx xi wiehed qasir izda kien hemm diversi xhur fejn anke hawn l-appellant seta' kieku ried jaghmel kull osservazzjoni sabiex jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghal dak illi deherlu illi kien xi nuqqas, izda ma ghamel xejn u halla lill-Ewwel Qorti tipprocedi bil-prolazzjoni tas-Sentenza. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda diffikulta tiddikjara illi bis-silenzju tieghu ghal xhur shah, b'diversi differimenti l-appellant implicitament ta l-kunsens tieghu li jissana l-Atti wara l-bidla tal-Magistrat u b'hekk ezenta lill-Qorti mill-bzonn illi terga tisma l-provi mill-gdid. Fuq dan ix-xenarju, l-Qorti pprocediet ghas-Sentenza b'mod legali u l-appellant ma jistax issa jqajjem aggravju ta' nullita. Ghalhekk il-Qorti qieghda tiddisponi mill-ewwel aggravju ta' l-appellant. It-tieni aggravju jikkoncerna l-meritu u l-appellant qieghed jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni rragonevoli u zbaljta tal-provi.
Ikunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-mertu rrizulta illi l-appellant huwa akkuzat bhala komplici fis-serqa illi saret fil-fond Villa Kazara, Triq il-Verdun, Kappara fil-lejl ta' bejn iz-17 u t-18 ta' Awwissu, 2008. L-Ewwel Qorti qaghdet fuq ix-xhieda ta' Oviend Xuereb illi kien l-awtur ta' din is-serqa illi qal illi kien l-istess appellant illi halla tieqa hdejn is-swimming pool miftuha sabiex Xuereb ikun jista jaccedi ghal din il-villa. Irrizulta veru illi kien hemm zmien meta l-appellant kien qieghed jaghmel xi xoghol f'din il-villa, pero' ma giex stabbilit fi grad li trid il-Ligi meta l-appellant spicca mix-xoghol f'dik il-villa. Xuereb qal illi x-xoghol kien ghadu ghaddej, mentri l-appellant jghid illi huwa kien spicca mix-xoghol xi 10 ijiem qabel is-serqa. L-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha temmen lil Xuereb ghall-zewg mottivi, wahda 'il ghaliex Xuereb kien ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri u t-tieni illi ma

kienet tezisti l-ebda raguni evidenti ghaliex Xuereb kellu jigdeb dwar l-appellant. Din il-Qorti ma jidhriliex illi dawna huma ragunijiet bizzejjed biex tifta kredibilita ceka fuq ix-xhieda ta' Oviend Xuereb. Jibda biex jinghad illi dana Xuereb ghandu karattru pjutost refrettarju kif tixhed il-fedina penali tieghu u anke wara din is-Sentenza u l-ammissjoni tieghu huwa rega tressaq il-Qorti fuq kazijiet ohra. Pero'dan fih innifsu mhuwiex raguni ghaliex il-Qorti m'ghandiex toqghod fuq ix-xhieda tieghu u minkejja li bniedem ikollu karattru refrettarju b'daqshekk ma jfissirx illi huwa ma jkun qieghed jghid il-verita f'cirkostanzi partikulari. Pero' hawnhekk il-Qorti mhijiex daqshekk konvinta, l-ewwel nett tinvoka l-Artiklu 639 (3) kif emmendat tal-Kodici Kriminali fejn minkejja illi x-xhieda ta' komplici tista tigi accettata minghar il-htiega ta' korroborazzjoni din ix-xhieda ghandha tittiehed b'<u>kawtela</u>. Din il-Qorti tqis illi l-Magistrat originali kienet widdbet diversi drabi lill-Oviend Xuereb dwar il-mod kif kien qieghed jixhed u anke baghtitu l-lockup ghal xi zmien ghal xi ripensament fuq dak li kien qieghed jghid stante l-Qorti ma kienetx konvinta illi dak illi kien qieghed jghid kien il-verita. Xuereb ma kienx konstanti, ttella diversi drabi u dejjem ta verzjonijiet differenti, rrilaxxa wkoll diversi stqarrijiet illi huma konfliggenti bejniethom. Xuereb ukoll jghid illi dak inhar tas-serqa kien ircieva diversi telefonati min ghand l-appellant, izda l-espert mahtur mill-Qorti Dr. Martin Bajada rraporta illi mill-ezami tac-cellulari li ttiehed mill-pussess ta' Xuereb ma rrizultaw l-ebda telefonati minn nahha ta' l-appellant.

Ghalhekk meta l-Qorti tqis il-linji gwida kif esposti mill-Artiku 637 tal-Kodici Kriminali ghal dak illi jolqot il-kredibilita tax-xhud, issib wara li tqis il-karattru ta' Xuereb, l- inkonsistenza u jekk ix-xhieda tieghu ma kienetx imsahha min xhieda ohra, li ma kienetx, il- *"kawtela"* imsemmija fl-Artiklu 639 (3) tal-Kap 9, titfa dubji serji dwar il-vericita tax-xhieda ta' Xuereb u dubji dwar kemm il-Qorti jista jkollha mohhha mistrih fuq il-htija ta' l-appellant f'din il-vicenda. La l-Qorti m'ghandiex din is-serenita ghad-dikjerazzjoni ta' htija thoss illi ghandha tiddisturba d-diskrizzjoni ta' l-Ewwel Qorti u tilqa t-tieni aggravju ta' l-appellant.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirrevoka s-Sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------